# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## DEĊIZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-9 ta' Ġunju 2009**

**li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-BĊE**

***(BĊE/2009/13)***

(2009/465/KE)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 105(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 u l-Artikoli 17, 22 u 23 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) adotta d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 tal-24 ta' Lulju 2007 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-BĊE [1].

(2) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE adotta l-Linja ta' Gwida BĊE/2009/9 tas-7 ta' Mejju 2009 li tmenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2007/2 dwar is-Sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) [2] fost l-oħrajn biex jingħata aċċess lit-TARGET2 minn istituzzjonijiet ta' kreditu pubbliċi li, minħabba n-natura istituzzjonali speċifika tagħhom taħt id-dritt Komunitarju, huma suġġetti għal skrutinju ta' standard paragunabbli mas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(3) Id-definizzjoni tat-terminu istituzzjoni ta' kreditu fl-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2007/7 għandha tinbidel minħabba l-emendi riċenti magħmulin fil-Linja ta' Gwida BĊE/2007/2,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu fl-Artikolu 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2007/7 tinbidel b'dan li ġej:

"— 'credit institution' means either: (a) a credit institution within the meaning of § 1(1) of the KWG; or (b) another credit institution within the meaning of Article 101(2) of the Treaty that is subject to scrutiny of a standard comparable to supervision by a competent authority."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Frankfurt am Main, 9 ta' Ġunju 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

(1) ĠU L 237, 8.9.2007, p. 71.

(2) ĠU L 123, 19.5.2009, p. 94.